# Is-Siġar fil-Buskett

*Joe Borġ*




*ŻNUBER*
*weraq u prinjol*

Kif tersaq viċin il-Buskett, l-eqdem masġar f'Malta, tilmaħ il-Kastell ta' Verdala fil-quċċata, imdawwar bil-ħdura tas-siġar. Bosta minn dawn is-siġar iħaddru huma taż-Żnuber (*Aleppo Pine*). Darba din is-siġra kienet tgħix fis-selvaġġ mal-pajjiżi tal-Mediterran, anke f'pajjiżna. Illum dawk is-siġar taż-Żnuber li jikbru fis-selvaġġ huma verament ftit. Bosta minnhom ġew inħawla mill-bniedem. F'xi nħawi bħal fil-Buskett jikbru weħidhom. Dan jiġri wara li ż-żerriegħa li tkun imxerrda mir-riħ taqa' fl-art, tinbet f'xitla li tikber f'siġra. Dan il-metodu ta' tixrid ta' żerriegħa jissejjaħ naturalizzazzjoni.

Iż-Żnuber għandu l-weraq qishom labar. Dawn jifilħu għar-riħ u għan-nixfa. Mill-banda l-oħra din is-siġra ma tħobbx ir-raxx tal-baħar jew ilma salmastru. Din is-siġra ma tfarfarx il-weraq tagħha fix-xitwa u tibqa' tħaddar is-sena kollha. Iż-żerriegħa ta' din is-siġra issir qisha ċippitatu kbir li jsibuħ bħala prinjol. Fil-Buskett wieħed jista' jara bosta minn dawn il-prinjoli kemm fuq is-siġar kif ukoll niexfa fl-art taħthom.




*ĊIPRESS*
*weraq u frott*

Siġar oħra li jolqtu l-għajn f'xifer it-triq kif tidħol fil-Buskett huma is-siġar twal twal, li nsibuhom bħala s-siġar taċ-ċimiterju, għax jinstabu jikbru f'kull ċimiterju. Dawn huma s-siġar taċ-Ċipress (*Cypress*); siġar twal, wiesgħa minn isfel, jirqaqu u jispiċċaw f'ponta. Il-weraq ta' din is-siġra huma wkoll irqaq. Iż-żerriegħa tagħhom tkun ġo blalen żgħar li għall-ewwel ikunu ħodor u mbagħad isiru kannella, meta jinfetħu u jfarfru ż-żerriegħa żgħira mar-riħ.

Fil-Buskett fil-kenn tal-wied hemm għadd kbir ta' siġar tal-frott. Fost dawn insibu siġar taċ-ċitru — jiġifieri tal-Larinġ, Lumi u Mandolin, — u siġar tal-frott irqiq — Ħawħ, Għajnbaqar, Tuffieħ. Lanġas u Bambinell. Dawk tal-frott irqiq kollha jwaqqgħu l-weraq fix-xitwa. Ma' dawn is-siġar tal-frott insibu wkoll siġar twal b'weraq ħoxnin — in-Naspli — l-ewwel frotta tar-rebbiegħa. F'xi egħlieqi taħt il-Kastell ta' Verdala hemm ukoll xi Dwieli (*Vines*).

Matul in-nixxiegħa ta' l-ilma fil-wied, jikbru siġar għoljin, biz-zokk bajdani u b'weraq li għandhom forma daqsxejn wiesgħa. Dawn huma s-siġar tal-Luq (*Poplar*). Dawn is-siġar iwaqqgħu l-weraq fil-ħarifa, iżda meta joħorgu fir-rebbiegħa fihom dehra sabiħa mhux biss miċ-ċaqliq tagħhom, iżda anke għax il-kulur tal-weraq minn fuq hu aħdar skur waqt li minn taħt huma bojod.

Jikbru ma' dawn is-siġar hemm siġar għoljin oħra, li wkoll jinżgħu l-weraq fix-xitwa. Iżda l-weraq ta' dawn




*LUQ*
*werqa u dehra fix-xitwa*




*BALLUT*
*weraq u frott*

is-siġar huma differenti minn dawk tal-Luq. Dawn is-siġar huma tal-ġewż tal-Pekan (*Pecan Nuts*). Għandhom il-weraq tagħhom aħdar ċar, żgħir u kemmxejn bil-pizzi. Fil-bidu tax-xitwa jkollhom il-ġewż.

Is-siġra taż-Żebbuġ (*Olive*) ma tonqosx li ssib postha anke fil-Buskett. Din hi siġra li tgħix għal bosta snin, u għandha njam iebes. Kull ħarifa, taghtina l-frott — żebbuġ żgħir għaż-żejt u dak kbir għall-ikel.

F' bosta nħawi fil-Buskett tikber ukoll is-siġra tal-ġandar, il-Balluta (*Evergreen Oak*). Din malajr tintgħaraf mill-ġandar li tagħmel f'għamla ta' żebbuġa mqabbda ma' qisha pipa żgħira.

Tixbaħ ħafna lil din is-siġra tal-ġandar hemm siġra oħra li tikber fil-Buskett. Din għandha l-weraq akbar, kif ukoll hu l-ġandar li jkollha. Barra minn hekk din is-siġra tal-Ballut Ingliża (*Common Oak*) tfarfar il-weraq fix-xitwa.




*ŻEBBUĠ*
*weraq u frott*




*FRAXXNU*
*weraq u fjuri*




*DERU*
*frott, fjura u weraq*

Waħda mill ftit siġar xjuħ li tinstab fil-Buskett hi dik tal-Fraxxnu (*Narrow leaved Ash*). Ftit minn dawn is-siġar jinstabu f'qiegħ il-wied. Dawn huma siġar b'zokk oħxon ħafna u bi fjuri donnhom imsielet twal li joħorgu fir-rebbiegħa qabel il-weraq.

Jikbru ferm iktar twal mis-siġar l-oħra kollha fil-Buskett wieħed ma jistax ma jinnotax is-siġar ta' l-Awrikarja (*Norfolk Island Pine*). Dawn is-siġar jitilgħu dritti dritti u jonfoħ kemm jonfoħ ir-riħ xorta jibqgħu dritti. L-Awrikarja ftit jagħmlu żerriegħa u għalhekk ma tantx huma komuni.

Fil-ġnub tal-wied, qabel ma titlaq il-Buskett jikbru s-siġar baxxi tad-Deru (*Lentisk*). Dawn għandhom il-weraq irqiq, friegħi iniggżu u b'saħħithom u jikbru fil-pajjiżi tal-Mediterran. Iż-żerriegħa ħamranija tagħhom, li tidher bejn Jannar u April, tagħmel lil dawn is-siġar attrajenti ħafna.

Xi siġra tal-Ħarrub (*Carob*) ma tonqosx f'dawn l-inħawi. Fil-Buskett tikber wkoll is-siġra tat-Tamal (*Date Palm*) li għandha z-zokk tagħha irqaq minn dak ta' palm ieħor li jixbaħha. Il-Palma tal-Ġumar Safrani (*Dwarf Palm*) li hi l-Palma baxxa tal-Mediterran ukoll tinstab tikber fil-Buskett.

Dawn is-siġar kollha jagħtu l-kontribut tagħhom biex jagħmlu l-masġar fil-Buskett varjat u nteressanti. Dan l-ambjent, li ħa bosta snin biex isir dak li hu llum, jeħtieg li nħarsuh kontra kull vandaliżmu u qerda oħra ta' ħlejjaq li jgħixu fih. Jekk ma nħarsuhx sewwa, nistgħu faċilment nitilfuh fi ftit ġranet. ●



*PALM TAL-ĠUMAR*
*weraq u frott*



*ĦARRUB*
*frott, fjuri raġel, ♂*
*fjuri mara ♀*
*u weraq*